Tas-Sliema	*Temporary Direct Dominium portion of land Triq Sant'Elena covering area of 495s.m*	*Government of Malta*	
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta' proprjetà 59003005 tal-applikazzjoni	Camenzuli George et	LRA4926/2026
Tas-Sliema	*Correction of property 59003005 of application*	*Camenzuli George et*	
Is-Swieqi	Utile Dominju Temporanju Mezzanin Nru 80, 'Fairview', Triq Molletta	Sultana Loporto Michael Julian et	LRA4837/2026
Swieqi	*Temporary Utile Dominium Maisonette No. 80, 'Fairview', Triq Molletta*	*Sultana Loporto Michael*	
Is-Swieqi	Dirett Dominju Temporanju porzjon art Triq is-Swieqi tal-kejl ta' 150m.k	Gvern ta' Malta	LRA4880/2026
Swieqi	*Temporary Direct Dominium portion of land Triq is-Swieqi covering area of 150s.m*	*Government of Malta*	
Il-Belt Valletta	Mezzanin Nru 3, Triq l-Arċisqof, in parti, in parti transferiment u korrezzjoni fuq proprjetà 01001245 tal-pjanti rilevanti	Hage George Henny	LRA4717/2026
Valletta	Maisonette No. 3, Triq l-Arċisqof, in part, in part transfer and correction of property 01001245 of relevant plans	Hage George Henny	
Il-Belt Valletta	Fond Nri 97 u 98, Triq Sant'Orsla	Hage Joseph	LRA4726/2026
Valletta	*Premises 97 and 98, Triq Sant'Orsla*	*Hage Joseph*	
Il-Belt Valletta	Fond Nru 66, Triq Sant'Ursula	Gvern ta' Malta	LRA4826/2026
Valletta	*Premises No. 66, Triq Sant'Ursula*	*Government of Malta*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*
Il-Belt Valletta	Fond Nru 6, Triq l-Isptar il-Qadim	Gvern ta' Malta	LRA4827/2026
Valletta	*Premises No. 6, Triq l-Isptar il-Qadim*	*Government of Malta*	
Il-Belt Valletta	Dirett Dominju Temporanju Fond Triq San Pawl tal-kejl ta' 178m.k	Gvern ta' Malta	LRA4874/2026
Valletta	*Temporary Direct Dominium Premises Triq San Pawl covering area of 178s.m*	*Government of Malta*	
Il-Belt Valletta	Dirett Dominju Perpetwu Fond Nri 108A u 108B, Triq il-Merkanti	Gvern ta' Malta	LRA4879/2026
Valletta	*Perpetual Direct Dominium Premises Nos 108A and 108B Triq il-Merkanti*	*Government of Malta*	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

Il-11 ta' Settembru, 2026

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

11th September, 2026

Nru. 1376

ATT DWAR IL-CONDOMINIA
(KAP. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija condominia:

Nru tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
7677	'Krissly Flat', Triq it-Tabib R. Naudi, L-Imsida	Registration of Rules	19/08/2026
7694	17, 'L-Għansar Flats', Triq l-Għansar, Birżebbuġa	Registration of Rules	25/08/2026
5983	12A, Binja Filippo Sciberras, Ent. D, Triq Vilhena, Il-Furjana	Registration of Rules	27/08/2026

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

Il-11 ta' Settembru, 2026

No. 1376

CONDOMINIUM ACT
(CAP. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

11th September, 2026

Nru. 1377

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fl-isqaqien imsemmija f'Ħaż-Żabbar, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1377

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned alleys at Ħaż-Żabbar, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
ĦAŻ-ŻABBAR

1. **TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 1**
2. **TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 2**
3. **TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 3**
4. **TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 4**
5. **TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 5**

1. TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 1

Meta tidħol minn Triq l-Inkurunazzjoni
Entering from Triq l-Inkurunazzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
43	1
44	2
45, Osprey	3
46	4

2. TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 2

Meta tidħol minn Triq l-Inkurunazzjoni
Entering from Triq l-Inkurunazzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
36	1
37, Id-Dar tan-Nanna	2
39, St. Antnin	3

3. TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 3

Meta tidħol minn Triq l-Inkurunazzjoni
Entering from Triq l-Inkurunazzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
32, Ċissu	1

4. TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 4

Meta tidħol minn Triq l-Inkurunazzjoni
Entering from Triq l-Inkurunazzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
23	1

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
24	2
Bieb bla numru	3

5. TRIQ L-INKURUNAZZJONI, SQAQ NRU 5

Meta tidħol minn Triq l-Inkurunazzjoni
Entering from Triq l-Inkurunazzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb imbarrat	1
Bieb bla numru	2
Bieb bla numru	3
9	4
10	5
11	6
12	7

Il-11 ta' Settembru, 2026

Nru. 1378

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-ĦAMRUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 281 tat-3 ta' April, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

11th September, 2026

No. 1378

NUMBERING OF DOORS AT IL-ĦAMRUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 281 dated 3rd April, 1998, under the title 'Renumbering of doors at Il-Ħamrun', the following amendments in **bold** should be made.

IL-ĦAMRUN

19. TRIQ INDRI CILIA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq id-Duluri
Left side entering from Triq id-Duluri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
5, Casa Demanuele	9
6	11
Jodosihel	13
8A	15

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq id-Duluri
Right side entering from Triq id-Duluri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9, Casa Demanuele	9
Bieb bla numru	**11**
Cityscape Apartments	**13**
Garaxx	**13A**
15	15

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Il-11 ta' Settembru, 2026

11th September, 2026

Nru. 1379

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMQABBA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 945 tas-27 ta' Novembru, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imqabba', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1379

NUMBERING OF DOORS AT L-IMQABBA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 945 dated 27th November, 2000, under the title 'Renumbering of doors at L-Imqabba', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMQABBA

15. TRIQ KARMENU CIANTAR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Pjazza tal-Knisja

Left side entering from Pjazza tal-Knisja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Pjazza tal-Knisja

Right side entering from Pjazza tal-Knisja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	44
Sit bla bini	46
Sit bla bini	48
Sit bla bini	50
Sit bla bini	52
Allamanda	54

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
44 (Garaxx)	44
Sapphire	**46**
Emerald Court	**48**
Amber	**50**
Daħla għall-garaxxijiet	**52**
54, Allamanda	54

Il-11 ta' Settembru, 2026

11th September, 2026

Nru. 1380

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL TARXIEN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 389 tat-2 ta' Mejju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Tarxien', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1380

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 389 dated 2nd May, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Tarxien', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL TARXIEN

21. TRIQ IL-FUĦĦAR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq George Caruana

Left side entering from Triq George Caruana

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	25

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq George Caruana

Right side entering from Triq George Caruana

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Savannah	27		
Garaxx	29		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
25 (Garaxx)	25		
Ħanut	**27**		
Temple View Residence	**27A**		
29 (Garaxx)	29		

68. TRIQ VALERIO VIGORELLI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Marju Schembri
Left side entering from Triq Marju Schembri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	5
Romajoden	7
Carvin	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Marju Schembri
Right side entering from Triq Marju Schembri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
5 (Garaxx)	5		
7, Emerald (Flettijiet)	**7**		
9, Carvin	9		

Il-11 ta' Settembru, 2026

Nru. 1381

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 381 tal-24 ta' Mejju, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żabbar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

ĦAŻ-ŻABBAR

45. TRIQ L-INKURUNAZZJONI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Bajada
Left side entering from Triq Bajada

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
34	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Bajada
Right side entering from Triq Bajada

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Grada ta' ġnien	4

11th September, 2026

No. 1381

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 381 dated 24th May, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Ħaż-Żabbar', the following amendments in **bold** should be made.

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Ħanut	41	Grada ta' ġnien	6
Garaxx	43	Grada ta' ġnien	8
		Grada ta' ġnien	10
		Bieb bla numru (Dar)	12

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
39	39	4 (Grada ta' ġnien)	4
Bieb bla numru	**41**	**Daħla għall-garaxxijiet**	**4A**
43 (Garaxx)	43	**Marija Nkurunata**	**6**
		6A	**6A**
		8	**8**
		8A, Mon Revè	**8A**
		10, Josephine	**10**
		12	12

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
54	49		
55 (Bieb tal-ġenb)	51		

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
49	49		
55 (Garaxx)	**51**		

Il-11 ta' Settembru, 2026

Nru. 1382

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1158 tad-19 ta' Novembru, 2013, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żabbar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

11th September, 2026

No. 1382

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1158 dated 19th November, 2013, under the title 'Renumbering of doors at Ħaż-Żabbar', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻABBAR

2. TRIQ WIED IL-GĦAJN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kunvent

Left side entering from Triq il-Kunvent

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kunvent

Right side entering from Triq il-Kunvent

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	96
Las Vegas	98
Garaxx	100

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		96 (Garaxx)	96
		98, Las Vegas	**98**
		Garaxx	**98A**
		Sauveur et Gràce (Flettijiet)	**98B**
		100 (Garaxx)	100

Il-11 ta' Settembru, 2026

Nru. 1383

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL TARXIEN

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 389 tat-2 ta' Mejju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Tarxien', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

11th September, 2026

No. 1383

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 389 dated 2nd May, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Tarxien', the following prolongation in **bold** should be made.

ĦAL TARXIEN

64. TRIQ SPIRU SPITERI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq id-Dar tal-Kejka

Left side entering from Triq id-Dar tal-Kejka

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	59

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq id-Dar tal-Kejka

Right side entering from Triq id-Dar tal-Kejka

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**61**

Isem/Numru Qadim / *Name/Old Number* — Numru ġdid / *New Number*

Isem/Numru Qadim / *Name/Old Number* — Numru ġdid / *New Number*

Il-11 ta' Settembru, 2026

Nru. 1384

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 235 tat-2 ta' April, 1993, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura/Raħal Ġdid', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

11th September, 2026

No. 1384

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 235 dated 2nd April, 1993, under the title 'Renumbering of doors at Il-Fgura/Paola', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

IL-FGURA

TRIQ L-GĦOLLIEQ

Emendi – *Amendments*

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Liedna

Left side entering from Triq il-Liedna

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Liedna

Right side entering from Triq il-Liedna

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Madonnina	44

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	41	Garaxx	46
Għallis	43	Charlonne	48
		Bieb bla numru	50
		Mystic Rose	52
		Micro	54

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
39 (Garaxx)	39	44, Madonnina	44
41, Flos Carmeli	**41**	**46/48, Ta' Mangion Apartments**	**46**
43, Għallis	43	**Garaxx**	**48**
		50	50
		52, Sagra Familja (Flettijiet)	**52**
		Sit qed jinbena	**54**

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
49 (Garaxx)	49	Sit qed jinbena	54

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**51**	**Sit qed jinbena**	**56**
		Sub-Station	**58**

Il-11 ta' Settembru, 2026

Nru. 1385

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Kjarifika

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1015 tas-7 ta' Lulju, 2026, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Ġwann', għandha ssir din il-kjarifika kif indikat b'tipi **grassi**.

11th September, 2026

No. 1385

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Clarification

WITH reference to Government Notice No. 1015 dated 7th July, 2026, under the title 'Numbering of doors at San Ġwann', the following clarification in **bold** should be made.

SAN ĠWANN

1. TRIQ TAL-BALAL

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Vjal ir-Riħan

Left side entering from Vjal ir-Riħan

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Vjal ir-Riħan

Right side entering from Vjal ir-Riħan

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	17		

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Grada	17		

Il-11 ta' Settembru, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 215

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Mit-8.00 a.m. tal-Ħamis, 10 ta' Settembru, 2026 sal-10.00 p.m. tat-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2026, minn Triq San Publju minn Triq l-Assedju l-Kbir sa Triq il-Miratur, Pjazza San Publju minn Triq Sarria sa Triq San Publju u Triq Sarria from Triq San Tumas to Triq l-Assedju l-Kbir.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Għajnsielem

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2026, mis-2.20 p.m. sal-4.30 p.m., minn Triq J. F. De Chambray u Pjazza Madonna ta' Loreto.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Iż-Żebbuġ, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2026, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza l-Assunta, Triq Għajn Mhelhel, Triq l-Għażżiela u Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Imqabba

Nhar il-Erbgħa, 16 ta' Settembru, 2026, mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m., mill-pjazza tal-knisja;

Mit-3.00 p.m. tal-Ħamis, 24 ta' Settembru, 2026 sat-3.00 a.m. tas-Sibt, 26 ta' Settembru, 2026, mill-pjazza tal-knisja, parti minn Triq il-Madonna tal-Ġilju, parti minn Triq il-Belt Valletta u parti minn Triq il-Parroċċa.

11th September, 2026

POLICE NOTICE

No. 215

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Floriana

From 8.00 a.m. of Thursday, 10th September, 2026 to 10.00 p.m. of Monday, 21st September, 2026, through Triq San Publju from Triq l-Assedju l-Kbir to Triq il-Miratur, Pjazza San Publju from Triq Sarria to Triq San Publju and Triq Sarria from Triq San Tumas to Triq l-Assedju l-Kbir.

Public transport will be affected.

Għajnsielem

On Friday, 11th September, 2026, from 2.20 p.m. to 4.30 p.m., through Triq J. F. De Chambray and Pjazza Madonna ta' Loreto.

Public transport may be affected.

Żebbuġ, Gozo

On Sunday, 13th September, 2026, from 4.00 p.m. to 8.00 p.m., through Pjazza l-Assunta, Triq Għajn Mhelhel, Triq l-Għażżiela and Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.

Public transport may be affected.

Mqabba

On Wednesday, 16th September, 2026, from 3.00 p.m. to 10.00 p.m., through the church's square;

From 3.00 p.m. of Thursday, 24th September, 2026 to 3.00 a.m. of Saturday, 26th September, 2026, through church's square, part of Triq il-Madonna tal-Ġilju, part of Triq il-Belt Valletta and part of Triq il-Parroċċa.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Qrendi

Mit-8.00 a.m. tas-Sibt, 26 ta' Settembru, 2026 sa nofsillejl tal-Ħadd, 27 ta' Settembru, 2026, minn Triq it-Tempesta, Triq Ħal Lew u Pjazza San Mattew (il-Maqluba).

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Paola

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2026, u nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026, minn nofsinhar sa nofsillejl iż-żewġ ġranet, miż-Żona Industrijali ta' Kordin ħdejn l-entratura għall-grawnd tal-Hibernians u r-ringroad taż-Żona Industrijali ta' Kordin madwar il-grawnd tal-futbol tal-Hibernians.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Nhar il-Ħamis, l-1 ta' Ottubru, 2026, mis-6.00 a.m. sat-3.00 p.m., minn Triq Ġużè D'Amato sa Triq Lampuka (għaxar spazji ta' parkeġġ).

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2026, mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn Misraħ Duminku Mintoff.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Mosta

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mis-2.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq il-Kbira, Triq San Pawl Tal-Qliegħa, Triq Ta' Buqana u Triq il-Mosta.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

L-Imġarr, Malta

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mis-2.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Sir Temi Zammit, Triq Għajn Tuffieħa u Triq Tal-Wilġa.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Mellieħa

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mis-2.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq il-Manikata, Taraġ il-Ħarrub, Triq Mejjiesa, Triq il-Mellieħa, Triq Tal-Prajjiet, Dawret il-Mellieħa u Triq il-Marfa.

Public transport will be affected.

Qrendi

From 8.00 a.m. of Saturday, 26th September, 2026 to midnight of Sunday, 27th September, 2026, through Triq it-Tempesta, Triq Ħal Lew and Pjazza San Mattew (Maqluba).

Public transport will be affected.

Paola

On Sunday, 13th September, 2026, and on Saturday, 19th September, 2026, from noon to midnight on both days, through Kordin Industrial Estate near the Hibernians ground's entrance and the ringroad of Kordin Industrial Estate surrounding the Hibernians football ground.

Public transport will not be affected.

On Thursday, 1st October, 2026, from 6.00 a.m. to 3.00 p.m., through Triq Ġużè D'Amato up to Triq Lampuka (ten parking spaces).

Public transport will not be affected.

Żejtun

On Thursday, 17th September, 2026, from 4.00 p.m. to 7.30 p.m., through Misraħ Duminku Mintoff.

Public transport will not be affected.

Mosta

On Sunday, 4th October, 2026, from 2.30 a.m. to noon, through Triq il-Kbira, Triq San Pawl Tal-Qliegħa, Triq Ta' Buqana and Triq il-Mosta.

Public transport will be affected.

Mġarr, Malta

On Sunday, 4th October, 2026, from 2.30 a.m. to noon, through Triq Sir Temi Zammit, Triq Għajn Tuffieħa and Triq Tal-Wilġa.

Public transport will be affected.

Mellieħa

On Sunday, 4th October, 2026, from 2.30 a.m. to noon, through Triq il-Manikata, Taraġ il-Ħarrub, Triq Mejjiesa, Triq il-Mellieħa, Triq Tal-Prajjiet, Dawret il-Mellieħa and Triq il-Marfa.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Qala

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mis-2.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq il-Kunċizzjoni, Triq 28 ta' April 1688, Triq l-Imġarr, Triq Borg Għarib, Triq il-Qala u Triq il-Madonna tal-Ħniena.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026, mill-5.00 p.m. sal-11.30 p.m., parkeġġ se jkun projbit fi Triq is-Sagħtar u Triq Wied is-Seqer.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat;

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2026, mill-5.00 p.m. sas-7.30 p.m., minn Pjazza San Franġisk.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mis-2.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Fortunato Mizzi, Triq ir-Repubblika, Triq Sant'Orsla u Triq Papa Ġwanni Pawlu II.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mit-8.30 a.m. sas-1.30 p.m., minn Triq Għajn Qatet, Triq Pompej, Triq Enrico Mizzi u Pjazza San Franġisk.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Għarb, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mis-2.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq l-Għarb u Triq Ta' Pinu.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ta' Kerċem

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Ottubru, 2026, mill-4.45 p.m. sad-8.45 p.m., minn Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq is-Sarġ, Triq Orvieto u Triq Ġużeppi Briffa.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Marsaxlokk

Mit-8.00 a.m. tas-Sibt, 24 ta' Ottubru, 2026 sa nofsillejl tal-Ħadd, 25 ta' Ottubru, 2026, u l-Ħadd, 25 ta' Ottubru, 2026, mill-4.00 a.m. sal-10.00 p.m., minn Xatt is-Sajjieda.

Public transport will be affected.

Qala

On Sunday, 4th October, 2026, from 2.30 a.m. to noon, through Triq il-Kunċizzjoni, Triq 28 ta' April 1688, Triq l-Imġarr, Triq Borg Għarib, Triq il-Qala and Triq il-Madonna tal-Ħniena.

Public transport will be affected.

Victoria, Gozo

On Saturday, 19th September, 2026, from 5.00 p.m. to 11.30 p.m., parking will be prohibited in Triq is-Sagħtar and Triq Wied is-Seqer.

Public transport may be affected;

On Saturday, 3rd October, 2026, from 5.00 p.m. to 7.30 p.m., through Pjazza San Franġisk.

Public transport may be affected;

On Sunday, 4th October, 2026, from 2.30 a.m. to noon, through Triq Fortunato Mizzi, Triq ir-Repubblika, Triq Sant'Orsla and Triq Papa Ġwanni Pawlu II.

Public transport will be affected;

On Sunday, 4th October, 2026, from 8.30 a.m. to 1.30 p.m., through Triq Għajn Qatet, Triq Pompej, Triq Enrico Mizzi and Pjazza San Franġisk.

Public transport may be affected.

Għarb, Gozo

On Sunday, 4th October, 2026, from 2.30 a.m. to noon, through Triq l-Għarb and Triq Ta' Pinu.

Public transport will be affected.

Ta' Kerċem

On Sunday, 4th October, 2026, from 4.45 p.m. to 8.45 p.m., through Pjazza San Girgor, Triq San Pietru u San Pawl, Triq is-Sarġ, Triq Orvieto and Triq Ġużeppi Briffa.

Public transport may be affected.

Marsaxlokk

From 8.00 a.m. of Saturday, 24th October, 2026 to midnight of Sunday, 25th October, 2026, and on Sunday, 25th October, 2026, from 4.00 a.m. to 10.00 p.m., through Xatt is-Sajjieda.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Settembru, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 216

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Marsaxlokk

Mill-4.00 p.m. tas-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026 sa nofsillejl tal-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2026, u nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2026, il-ġurnata kollha, minn Xatt is-Sajjieda minn Pjazza Madonna ta' Pompei sa Skuna Restaurant.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2026, mit-8.15 a.m. sal-10.30 a.m., minn Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santa Monika, Triq Luqa Briffa, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonici;

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2026, mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m., minn ħdejn il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena u Misraħ Duminku Mintoff;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2026, mis-6.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santa Monika, Triq Luqa Briffa, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill u Misraħ Gregorio Bonici.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-11 ta' Settembru, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru 46 tal-2026

Taħriġ ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma li l-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu taħriġ ta' sparar attiv matul is-sena kollha, (ħlief is-Sibt u l-Ħadd) fir-Ranges ta' Pembroke, bejn is-7.00 a.m. u l-10.30 a.m. (ħin lokali) u bejn il-11.00 a.m. u l-4.30 p.m. (ħin lokali) jew kwalunkwe ħin ieħor kif jista' jiġi avżat.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

11th September, 2026

POLICE NOTICE

No. 216

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Marsaxlokk

From 4.00 p.m. of Saturday, 19th September, 2026 to midnight of Sunday, 20th September, 2026, and on Sunday, 20th September, 2026, all day, through Xatt is-Sajjieda from Pjazza Madonna ta' Pompei to Skuna Restaurant.

Public transport will be affected.

Żejtun

On Sunday, 20th September, 2026, from 8.15 a.m. to 10.30 a.m., through Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santa Monika, Triq Luqa Briffa, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonici;

On Sunday, 20th September, 2026, from 6.30 p.m. to 9.30 p.m., through near Our Lady of Mercy's church and Misraħ Duminku Mintoff;

On Sunday, 11th October, 2026, from 6.30 p.m. to 9.00 p.m., through Misraħ ir-Repubblika, Triq San Girgor, Triq Santa Monika, Triq Luqa Briffa, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill and Misraħ Gregorio Bonici.

Public transport will be affected.

11th September, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 46 of 2026

Live Firing Practice at Pembroke Ranges

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Armed Forces of Malta will carry out live firing practice all through the year, (except Saturdays and Sundays) at the Pembroke Ranges, between 7.00 a.m. and 10.30 a.m. (local time) and between 11.00 a.m. and 4.30 p.m. (local time) or any other time as may be advised.

Messaġġ ta' Sécurité se jiġi ppubblikat fuq VHF Channel 12, u/jew 16 minn Valletta VTS, skont dan.

Iż-żona tal-eżerċizzju hija delinjata mis-settur ABC.

Mill-Pożizzjoni A

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 55'.540	14° 28'.320 (punt ċentrali fuq l-art), radju ta' 4 mili nawtiċi għal punti
B	35° 59'.460	14° 27'.150 u
C	35° 58'.290	14° 32'.190

Il-limiti huma indikati fuq charts BA 194, 2537 u 2538.

Matul it-taħriġ ta' sparar attiv se jittajru bnadar ħomor (daqs approssimattiv ta' 2.5m x 2m) mil-limiti tal-art. Il-baħħara huma avżati biex iżommu mill-inqas 4 mili nautiċi 'l bogħod mix-xatt meta jidhru l-bnadar.

Barra minn hekk, huma għandhom josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12, u/jew 16 minn Valletta VTS.

Dan l-avviż jissostitwixxi Avviż lill-Baħħara Nru 24 tal-2021, li b'hekk qed jiġi kkanċellat.

Charts affettwati: BA 2538, 2537, 194

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Il-11 ta' Settembru, 2026

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għal Applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Amministratur fil-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Numru tal-Permess ta' Jobsplus: 766/2026

Għan Ġenerali tal-Pożizzjoni

L-Amministratur għandu jirrapporta għand il-Kap (Żvilupp u Operazzjonijiet) u, fejn meħtieġ, lill-Uffiċjal Kap (Operazzjonijiet). Id-detentur tal-kariga għandu jikkordina l-funzjonijiet tal-akkwist pubbliku u dawk amministrattivi filwaqt illi jiżgura wkoll konformità mal-leġiżlazzjoni tal-akkwist pubbliku, tal-governanza soda, l-effiċjenza operazzjonali u l-appoġġ effettiv għat-twettiq tal-objettivi strateġiċi tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet Prinċipali

Jikkordina u jamministra l-proċessi tal-akkwist pubbliku skont ir-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku, il-politiki tal-

A Sécurité message will be issued on VHF Channels 12, and / or 16 by Valletta VTS, accordingly.

The exercise area is delineated by sector ABC.

From Position A

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 55'.540	14° 28'.320 (centre point on land), a radius of 4 nautical miles to points
B	35° 59'.460	14° 27'.150 and
C	35° 58'.290	14° 32'.190

Limits are indicated on BA charts 194, 2537 and 2538.

During the live firing practice, red flags (approximate size 2.5m x 2m) will be flown from the shore limits. Mariners are warned to keep as a minimum 4 Nautical miles off the coast when the flags are sighted.

Moreover, they must obey instructions given on VHF Channels 12, and / or 16 by Valletta VTS.

This notice is to supersede Notice to Mariners No. 24 of 2021, which is hereby cancelled

Charts affected: BA 2538, 2537, 194.

Positions referred to WGS 84 DATUM

11th September, 2026

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Applications for the position of Administrator at Arts Council Malta within the Ministry for Arts, Culture and National Heritage

Jobsplus Permit Number: 766/2026

Overall Purpose of the Position

The Administrator shall report to the Head (Development and Operations) and, where required, the Chief Officer (Operations). The postholder shall coordinate procurement and administrative functions, ensuring compliance with public procurement legislation, sound governance, operational efficiency and effective support to the delivery of Arts Council Malta's strategic objectives.

Main Duties and Responsibilities

Coordinate and administer procurement processes in accordance with the Public Procurement Regulations,

Gvern dwar l-akkwist pubbliku u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti;

Iħejji u jiġġestixxi t-talbiet għall-akkwist pubbliku matul iċ-ċiklu sħiħ tagħhom;

Jikkollabora mad-dipartimenti interni biex jidentifika r-rekwiżiti tal-akkwist pubbliku u jassisti fit-tfassil ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku xierqa;

Jimmonitorja l-pjanijiet tal-akkwist pubbliku, l-iskedi taż-żmien, l-implimentazzjoni tal-kuntratti u l-prestazzjoni tal-forniturі;

Jagħti appoġġ amministrattiv lill-kumitati ta' evalwazzjoni u jiżgura proċessi ta' akkwist pubbliku trasparenti, jabbozza rapporti u dokumentazzjoni ta' appoġġ, skont kif ikun meħtieġ;

Iżomm ir-rekords tal-akkwist pubbliku u jiżgura l-prontezza u l-konformità tal-awditjar;

Jappoġġa l-amministrazzjoni ta' kuntratti, ftehimiet dwar servizzi u dokumentazzjoni oħra relatata mal-akkwist pubbliku għal ipproċessar ulterjuri minn uffiċjali legali;

Jgħin fil-kordinazzjoni tas-servizzi amministrattivi, tal-operazzjonijiet tal-uffiċċju u tal-ġestjoni tar-riżorsi;

Iżomm u jaġġorna s-sistemi tal-arkivjar fiżiċi u elettroniċi filwaqt illi jiżgura li r-rekords ikunu preċiżi, aċċessibbli u konformi mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u taż-żamma tad-dokumenti;

Iżomm kuntatt mad-dipartimenti interni, l-entitajiet governattivi, il-forniturі, il-forniturі tas-servizzi u l-partijiet interessati esterni, skont kif ikun meħtieġ;

Jassisti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' proċeduri amministrattivi u ta' sistemi tal-uffiċċju biex ittejjeb l-effiċjenza;

Iżomm reġistri, bażijiet tad-data u rekords amministrattivi filwaqt illi jiżgura li l-informazzjoni tkun tabilħaqq aġġornata u preċiża;

Jiżgura ġestjoni xierqa tal-faċilitajiet tal-uffiċċju u jikkordina t-talbiet għal manutenzjoni mal-forniturі tas-servizzi;

Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor assenjat mill-Kap (Żvilupp u Operazzjonijiet), l-Uffiċjal Kap (Operazzjonijiet) jew miċ-Chairperson Eżekuttiv.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data tal-għeluq tal-iskadenza ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet l-applikanti jridu jkunu:

Government procurement policies and Arts Council Malta procedures;

Prepare and manage procurement requests through their full cycle;

Liaise with internal departments to identify procurement requirements and assist in establishing appropriate procurement procedures;

Monitor procurement plans, timelines, contract implementation and supplier performance;

Provide administrative support to evaluation committees and ensure transparent procurement processes, draft reports and supporting documentation as required;

Maintain procurement records and ensure audit readiness and compliance;

Support the administration of contracts, service agreements, and other documentation relating to procurement for further processing by legal officers;

Assist in the coordination of administrative services, office operations and resource management;

Maintain and update physical and electronic filing systems, ensuring records are accurate, accessible, and compliant with data protection and document retention requirements;

Liaise with internal departments, government entities, suppliers, service providers, and external stakeholders as required;

Assist in the development and implementation of administrative procedures and office systems to improve efficiency;

Maintain registers, databases, and administrative records, ensuring information is up to date and accurate;

Ensure proper management of office facilities and coordinate maintenance requests with service providers;

Undertake any other duties assigned by the Head (Development and Operations), Chief Officer (Operations) or Executive Chairperson.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom dritt għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tat-trattati li jittrattaw il-moviment liberu tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom dritt għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati mal-impjieg bis-saħħa tal-applikazzjoni għal dak il-pajjiż tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tat-trattati li jittrattaw il-moviment liberu tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom dritt għal trattament ugwali bħaċ-ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati mal-impjieg skont il-liġi jew il-leġiżlazzjoni tal-UE u tad-dispożizzjonijiet tat-trattati msemmija hawn fuq, minħabba r-relazzjoni familjali tagħhom ma' persuni msemmija fil-paragrafu (a), (b) jew (c); jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' residenti tul żmien twil f'Malta skont ir-regolament 4 tar-'Regolamenti dwar Status ta' Residenti li Joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta› Pajjiżi Terzi)' jew li ngħataw permess ta' residenza skont ir-regolament 18(3) tagħhom, flimkien mal-membri tal-familja ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw permess ta' residenza skont ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'; jew

f. fil-pussess ta' dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tar-'Regolamenti dwar l-Istatus tar-Residenza taċ-Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u l-Unità tal-Espatrijati fi ħdan Identità kif meħtieġ fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq.

Il-ħatra tal-kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol safejn dan ikun meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata kif meħtieġ dwar din il-kwistjoni.

U

kapaċi jikkomunikaw kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliża sabiex iwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat id-dmirijiet li japplikaw għalihom.

U

għandu jkollhom:

a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

able to communicate in both the Maltese and English language in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

AND

must be in possession of:

kwalifika rrikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF fl-Amministrazzjoni tan-Negozju, l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Maniġment, l-Akkwist Pubbliku, il-Finanzi, il-Kummerċ, ir-Riżorsi Umani jew qasam rilevanti ieħor

JEW

Kwalifika postsekondarja fil-Livell 4 tal-MQF jew kwalifika kumparabbli xierqa u rikonoxxuta fl-akkwist pubbliku, l-amministrazzjoni, il-ġestjoni tal-uffiċċju, l-appoġġ finanzjarju jew oqsma rilevanti oħra, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti

Esperjenza fis-Servizz/Settur Pubbliku jew entità pubblika titqies bħala vantaġġ.

U għandu jkollhom:

Ċertifikat tal-ICDL;
Ħiliet qawwija fl-organizzazzjoni u fl-ippjanar;
Ħiliet eċċellenti fil-komunikazzjoni miktuba u verbali;
Ħiliet fil-ħsieb analitiku u attenzjoni għad-dettall;
Integrità u professjonaliżmu;
Il-ħila li jaħdmu b'mod indipendenti u f'timijiet multidixxiplinari;
Profiċjenza fl-applikazzjonijiet tal-Microsoft Office.

Informazzjoni dwar il-Kuntratt u s-Salarju

Il-kandidati magħżula jidħlu f'kuntratt ta' impjieg full-time fuq bażi indefinita. Is-salarju mħallas ikun salarju bażiku ta' €22,654 fl-2026 (Grad 8b tal-Istruttura tal-Gradi u s-Salarji tal-Kunsill Malti għall-Arti) u Allowance tal-Klassi tal-Entità ta' €850 fis-sena.

Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati lil (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Applikanti bi kwalifiki barranin għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA). Dawn għandhom jinksibu permezz ta' applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki minn (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Din id-dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni u l-oriġinali għandha tiġi ppreżentata waqt l-intervista.

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-Ġimgħa, 25 ta' Settembru, 2026, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli jintalbu jattendu intervista ta' selezzjoni.

Il-11 ta' Settembru, 2026

a recognised qualification at MQF Level 5 in Business Administration, Public Administration, Management, Procurement, Finance, Commerce, Human Resources or other relevant areas

OR

A post-secondary qualification at MQF Level 4 or an appropriate, recognised comparable qualification in procurement, administration, office management, finance support or other relevant areas, plus two (2) years relevant work experience

Experience within the Public Service/Sector or a public entity will be considered an asset.

AND must have:

An ICDL Certificate;
Strong organisational and planning skills;
Excellent written and verbal communication skills;
Analytical thinking and attention to detail;
Integrity and professionalism.
Ability to work independently and within multidisciplinary teams;
Proficiency in Microsoft Office applications.

Contract and Salary information

The selected candidates will enter into a full-time employment contract on an indefinite basis. The salary paid will be of a basic salary of €22,654 in 2026 (Grade 8b of Art Council Malta's Grading and salary Structure) and an Entity Class Allowance of €850 per annum.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates to (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Applicants holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications from (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is Friday, 25th September 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

11th September, 2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR

Pożizzjoni ta' Financial Controller fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali għall-Operat, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Financial Controller fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Financial Controller fil-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, (li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Financial Controller hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Financial Controller taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti

MINISTRY FOR ENERGY, THE ENVIRONMENT AND THE REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR

Position of Financial Controller in the Ministry for Energy, the Environment and the Regeneration of the Grand Harbour

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

